MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1123/1995/1

**L-Avukat Dottor John Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Ansat Limited**

**Vs**

**Rudolph Kopylov u martu Eugenia Kopylov u b'nota tas-6 ta' Gunju 1996 Dottor Kris Borg assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ta' l-istess konvenuti assentí; b'digriet tal- 20 ta' Lulju 2000 il-konvenut Rudolph Kopylov assuma l-atti minflok martu Eugenia Kopylov li mietet fil-mori tal-kawza u b'digriet tal-20 ta' Gunju 2006 Dr. Vincent Galea u PL. Mario Mifsud Bonnici gew nominati bhala kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill l-assenti Rudolph Kopylov.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur noe ppremetta illi premess illi skond ftehim datat it-12 ta' Settembru, 1994, is-socjeta' attrici kellha tfornixxi lill-konvenut, Rudolf Kopylov, b' "*dish system*" ghall-iskop ta' "*satellite T.V. reception*", kif jidher dettaljatament skond l-istess ftehim (Dokument A), liema "*dish system*" fil-fatt gie stallat fl-intier tieghu sas-27 ta' Marzu, 1995, minhabba xi modifiki li xtaq li jsehhu l-konvenut;

Premess illi skond il-ftehim hawn fuq riferit fid-data msemmija tas-27 ta' Marzu, 1995, l-imsemmi konvenut kien ghand fadallu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef u mija u tletin lira Maltin (Lm3,130.00) rapprezentanti l-bilanc minnu dovut tal-valur kollu pattwit skond il-ftehim bejn il-partijiet kontendenti;

Premess illi l-istess konvenut qed jirrifjuta li jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont minnu dovut kif spjegat hawn fuq;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef u mija u tletin liri Maltin (lm3,130.00) dovuta mill-istess konvenuti ghar-ragunijiet fuq spjegati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghax legali mid-data tas-27 ta' Marzu, 1995 fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 21 tal-process fejn jeccepixxu:

Illi t-talba attrici hija nfundata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kunsens tal-konvenuti fl-iffirmar tal-ftehim huwa vvizzjat peress li gie moghti bi zball u permezz ta' qerq ezercitat fuqhom mill-attur nomine, tant li l-ftehim ezibit mill-attur nomine ma jirrifletti bl-ebda mod il-ftehim li kellhom

bejniethom il-partijiet, u ghalhekk l-istess ftehim huwa null u bla effett.

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur nomine ghadu ma wettaqx ix-xogholijiet kollha li huwa obbliga ruhu li jwettaq skond l-istess ftehim, u ghalhekk il-pagament rikjest ghadu mhux dovut.

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost s-somma pretiza mis-socjeta' attrici ma tirriflettix l-ammont dovut skond l-istess kuntratt;

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istallazzjoni tal-apparat maghmula mis-socjeta' attrici kien wiehed illegali u sprovvist minn permessi necessarji.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-**atti tal-kontro-talba** li permezz taghha l-konvenut nomine ppremetta illi:

Peress illi jezistu r-rekwiziti kontemplati mill-Artikoli 396 *et sequitur* biex issir rikonvenzjoni mill-konvenut nomine u peress illi l-konvenut nomine fil-fatt jixtieq jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jipproponi l-kontro talba tieghu;

U peress illi l-konvenut nomine kien avvicina lill-attur nomine biex jinstallalu *dish satellite system* fid-dar tieghu sabiex huwa jkun jista' jaqbad certi kanali tat-televizjoni specifici.

U peress illi l-attur nomine qal lill-konvenut nomine illi biex jissodisfa t-talba tal-konvenut huwa kellu bzonn jinstalla certu apparat sofistikat, u ta' dimensjonijiet esagerata, li l-istess attur nomine pprezza ghal aktar minn Lm6,000 (sitt elef Lira Maltija) biex jaghmel dan.

U peress illi l-attur gieghel lill-konvenut nomine jiffirma ftehim, esebit bhala Dok. “A’’, fic-citazzjoni tal-attur nomine, liema ftehim jitkellem biss dwar apparat illi l-attur kien qed jippunta jbiegh lill-konvenut nomine, minghajr ma

jaghmel l-ebda accenn ghat-talba originali tal-konvenut nomine.

U peress illi l-istess ftehim imsemmi huwa bil-lingwa Ingliza meta l-konvenut nomine ma jitkellimx u ma jifhimx din il-lingwa;

U peress illi sussegwentement irrizulta illi l-apparat li l-attur nomine ipprova jbiegh lill-konvenut nomine permezz tal-istess ftehim huwa bil-ferm eccessiv, sofistikat izzejjed u ghola ferm minn dak li kien necessarju biex jissodisfa t-talba tal-konvenut nomine;

U peress illi nonostante dan il-ftehim, il-konvenut nomine ghadu sal-lum minghajr is-servizz minnu rikjest originalment;

U peress illi huwa car u manifest illi l-kunsens tal-konvenut nomine kien ivvizzjat illi nghata bi zball u permezz ta’ qerq ezercitat fuq il-koppja Kopylov mill-attur nomine, tant li l-ftehim esebit mill-konvenut ma jirrifletti bl-ebda mod il-ftehim verbali li kellhom bejniethom il-partijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ftehim datat 2 ta’ Settembru 1994, bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine, u esebit fic-citazzjoni tal-attur bhala Dok. ‘’A’’, ghandu jigi dikjarat null u bla effett, minhabba vizzju u kunsens da parti tal-konvenut nomine:

2. Tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-obbligi tieghu taht l-istess ftehim;

3. Tordna lill-attur nomine illi jhallas lura lill-konvenut nomine is-somma ta’ Lm3,130,00 liema somma giet imhallsa mill-konvenut nomine fuq il-firma tal-istess ftehim;

4. Tordna lill-attur nomine illi jaqla’, u jiehu lura, kwalunkwe apparat illi huwa installa fil-propjeta’ tal-

konvenut nomine, minghajr ma jikkaguna l-ebda hsarat fl-istess propjeta', kollox a spejjez tal-istess attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, kontra l-attur nomine li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ta' danni spettanti lill-konvenut nomine.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 27 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet ta' L-Avukat Dottor John Vassallo nomine ghall-kontro-talba** ta' Rudolf Kopylov u martu Eugenia Kopylov a fol 35 tal-process fejn eccepixxa :

1. Illi mhux talli l-ftehim maghmul bejn l-eccipjent nomine u l-konjugi Kopylov ma jistax jigi dikjarat null minhabba vizzju tal-kunsens ta' l-istess konjugi Kopylov, izda oltre hekk f'aktar minn okkazzjoni wahda wara li kien sar il-ftehim imsemmi u wara li gie nstallat l-apparat relattiv il-konjugi Kopylov bl-agir taghhom espressament ikkonfermaw il-ftehim li sar. Huma qed javanzaw il-pretensjoni odjerna taghhom illi dan il-ftehim huwa null wara li gew imharrkin biex ihallsu l-bilanc ta' flus li fadlilhom ihallsu.

2. Illi inoltre, u dan jinghad senjatament b'riferenza ghar-raba' talba rikonvenzjonali li qed issir, sabiex il-konjugi Kopylov setghu jressqu l-ewwel tliet talbiet taghhom huma riedu qabel xejn skond il-ligi jghaddu biex jiddepositaw taht l-awtorita' tal-Qorti l-apparat involut.

3. Bir-riserva ta' dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri li jkun ammissibbli skond il-ligi.

Rat in-nota a fol 18/19;

Rat id-digriet a fol 73 li bih gie nominat il-Profs. C. Pule;

Rat id-digriet a fol 95;

Rat in-nota ta' Dr. K. Borg a fol 113; 132 u 135;

Rat il-kapitolu a fol 118;

Rat id-degriet a fol 147 li bih gew nominati kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li l-espert tekniku u l-assistent gudizzjarju ma semghu ebda provi;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KAPITOLU**

Fil-kaz in ezami kien gie prezentat kapitolu fit-18 ta' Gunju 2003 (ara fol 118). Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2003 il-konvenut ma deherx u dehret biss Dr. Lanfranco li infurmat lill Qorti li kienet ser tassumi l-patrocinju tal-konvenut, li kien imsiefer. Il-Qorti ddegretat il-kapitolu u l-kapitolu gie konsidrat bhala mistqarr.

Illi ghalkemm skond dana l-kapitolu jirrizulta li l-ammont pretiz hu mistqarr bhala dovut, il-konvenuti kienu ghamlu kontrotalba fejn talbu li l-Qorti tiddikjara li l-ftehim Dok A hu null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-konvenuti kien vizzjat peress illi gie moghti bi zball u permezz ta' qerq ezercitat fuqhom.

Il-fatt biss li l-konvenut ikun naqas li jidher biex jirrispondi ghall-kapitolu maghmul kontra tieghu, m'ghandux wahdu necessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba. Dik il-prova trid tigi valutata u meqjusa flimkien ma kull prova ohra li sa dak l-istadju kienet diga prodotta quddiem il-Qorti (ara App Trapani vs Cilia 28/4/2000).

Inoltre hemm dubbju kemm il-konvenut kien Malta meta l-kapitolu jidher li gie mistqarr.

**KONTESTAZZJONI**

Illi l-konvenuti qed jikkontestaw it-talba ta’ l-attur noe u fil-fatt ghamlu wkoll kontrotalba billi qed jissottomettu li l-kunsens taghhom fl-iffirmar tal-ftehim kien ivvizzjat billi gie moghti bi zball u permezz ta’ qerq ezercitat fuqhom mill-attur nomine, tant li l-ftehim ezibit mill-attur nomine ma jirrifletti bl-ebda mod il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, u ghalhekk l-istess ftehim huwa null u bla effett.

Il-konvenut xehed li hu u l-mara tieghu riedu tlett stazzjonijiet partikolari Russi u Charles Farrugia kien qallhom li kellhom bzonn zewg *dishes* u l-apparat kellu jkun ta' certu daqs, li huma pero’ rawh esagerat. Talabhom Lm6,000 u qallhom li meta jgibu l-permanent residence huma jiehdu lura Lm1,700 li jirrapprezenta d-dazju. Minhabba f’hekk kienu accettaw li jixtru l-apparat. L-attur kellu wkoll jiehu hsieb igib il-permessi biex jitwahhlu d-dishes. Dak il-hin l-attur gabilhom kuntratt u qalilhom biex jiffirmawh. Huma staqsewh jekk il-kuntratt kienx fih l-affarijiet li ftehemu dwarhom u Farrugia assikurahom li kollox kien hemm. Dak il-hin hallsuh Lm3,130 akkont.

F'Settembru l-apparat gie stallat. Ftit taz-zmien wara meta gew biex joperaw is-sistema sabu diversi problemi fosthom li ghalkemm id-*dishes* gew stallati fuq id-dar principali, il-*main receiver* gie stallat biss fil-*bungalow* (separata mid-dar) u mhux fid-dar principali fejn kienu se joqghodu. Inoltre kellhom stazzjon Russu wiehed biss u r-*reception* kienet limitata ghall ftit hin qasir fil-gurnata ta' mhux aktar minn erba’ sighat u wara l- 10 p.m. ma kellhom ebda *reception*.

Il-konvenut kien cempel lill Farrugia biex jirrimedja izda ghal xejn billi ma rnexxilux jirranga. Wara Farrugia beda jghidilhom li biex jirranga s-sistema ried Lm3,130 ohra.

Fl-10 ta' Jannar 1996 il-konvenuti gabu r-*residence permit* izda l-attur ma tahomx il Lm1,700 li kien weghdhom. F'Novembru 1995 l-Planning Awthority kienet infurmathom

li d-*dish satelite* kien bla permess u talbithom biex jaqilghuh. Farrugia kien applika ghan nom taghhom. Il-konvenuti ma kienux jafu li l-Planning Authority kienet cahdet il-permess biex jigu stallati d-*dishes*. Fil-fatt huma gew ffaccjati b'*removal order* ta' dawn id-*dishes* mill-Planning Authority. Da parti tieghu Farrugia tieghu ipprova jezonora ruhhu minn kull responsabilita' billi qal li skond il-kuntratt hu ma kienx responsabbili jekk il-Planning Authority ma tohrogx il-permess.

Il-konvenuti ghalhekk qed isostnu li l-attur nomine kien dahaq bihom u pprofitta ruhhu minnhom billi zammilhom prezz esagerat u lanqas tahom dak li wieghed li ser jaghtihom.

Minn naha l-ohra Charles Farrugia jsostni li kienet ikkuntattjathom it-*translator* li kellhom il-konvenuti. Fl-1 ta' Settembru 1994 kien baghat *fax* lil din it-*translator*, Malikova, fejn taha *quotation* dettaljata ghall materjal necessarju ghal *Satellite TV Reception System*. Malikova kienet gabet lill konvenuti il-hanut fejn dawn iffirmaw il-kuntratt. Dan gie maghmul skond il-htigijiet dettati minn Kopylov lit-*translator* tieghu li kienu wara maqlubin ghall Ingliz biex ikunu jistghu jippreparaw id-dokumenti necessarji ghall-kuntratt.

Kienu ftehemu li jircievu l-istazzjon "Ostankino" fuq dixx stabbli li jkun kkonnettjat ma hames *receivers* u fl-istess hin ma *receiver* iehor li jkun ikkunnettjat ma dixx *motorised* biex ikun jista’ jinqabad l-istazzjoni Russu l-iehor St Petersburg u diversi stazzjojnijiet ohra. L-RTV qatt ma kien imsemmi qabel l-iffirmar tal-kuntratt. Il-mod kif il-konvenuti riedu li s-sistema tkun stallata (bid-diversi *'receiver points'* imferrxa fuq il-proprjeta’ taghhom), kellha bzonn l-istallazzjoni ta' zewg *satellite dishes*. Din kienet *'communal system'* cjoe f’kull *T.V.point* li t-*television* ikun ikkonnettjat mieghu, jkun jista' jircievi dak l-istazzjon li jkun jixtieq, dejjem fost l-istazzjonijiet li jkunu jistghu jigu ricevuti, skond liema satellita d-dixx ikun indirizzat lejha.

Il-prezz finali kien ta’ Lm6,260 u kien jinkludi dazju u zewg applikazzjonijiet ghall-permess lill Planning Authority. L-

attur jghid li huwa qatt ma assikura lill-konvenuti li kienu se jigu moghtija lura d-dazju li kien hallas lid-dwana wara li jinghataw permess ghar-residenza permanenti (Fol 49.) Kien qalilhom, verbalment u bil-miktub, li l-ammont ta' Lm1,700, rapprezentanti dazju fuq il-partijiet importati tas-sistema, kien ser jinghata lura meta Mr. Kopylov jikseb il-*customs duty exemption* u din kienet responsabilita' tal-klijent.

L-attur kien ghamel wkoll applikazzjoni ghal kljent mal Planning Authority. Skond il-kuntratt huma m'accettawx li jkunu responsabbili ghal xi dewmien u/jew *refusal* mill-Planning Authority (fol 49.) Kienu ghamlu l-istallazzjoni qabel id-data tal-permess billi l-konvenut kien talabhom jaghmlu hekk. Huma qedu r-*receivers* fejn qalluhom il-konvenuti (fol 50 para 8) u fl'ambjenti differenti tal-proprejta' tal-konvenuti skond struzzjonijiet ta' Mr. Kopylov permezz ta' l-interpretu tieghu. Huma qatt ma rrifjutaw li jaghmlu dak li xtaq Mr. Kopylov minkejja li huwa ried li jibdel is-set up tas-sistema rikjesta minn kif originarjament giet mitluba u stallata. Huma qalulu li bid-tibdil li ried jaghmel kien ser jkun hemm xoghol extra u ma kienux ser jaghmluh jekk ma jithallsux.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-kunsens taghhom fl-iffirmar tal-ftehim huwa vvizzjat peress li gie moghti bi zball u permezz ta' qerq ezercitat fuqhom mill-attur nomine.

Skond l-artikolu 974 tal-Kodici Civili: "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi <u>zball,</u> jew mehud bi vjolenza <u>jew b'ghemil doluz</u>, ma jkunx jiswa".

Dan ifisser li min ikun permezz ta' kuntratt obbliga ruhhu, irid ikollu kunsens validu biex jaghti dan l-obbligu. Jekk ikun hemm nuqqas ta' kunsens validu dan iwassal biex il-kuntratt jigi dikjarat null.

L-izball dwar il-ligi ma jgbix nullita', u l-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim. Art 975 u 976.

L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta (art.981).

Pero' mhux kwalunkwe ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghal dolo rikjest mill-ligi bhala motivi ghall-annulabilita' ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru huwa ma kienx jikkuntratta. Id-dolo jipproduci l-izball u dana jrid ikun invincibili. Bhal ma mhux kwanunkwe skaltrezza prattikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht is-sanzjoni tal-ligi, hekk ukoll mhux kull kredulita' zejda taqa' taht il-protezzjoni taghha. (Dimech vs Zimmerman Barbaro et 7/12/35 Vol 29 p2 p 832.)

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-konvenuti qed jghidu li meta kkuntrattaw ma' l-attur nomine huma la kienu jafu bl-Ingliz u lanqas bil-Malti. Minn naha l-ohra Farrugia xehed li l-konvenuti kienu assistiti minn *translator* li spjegatilhom kollox. Il-presenza ta' dina t-*translator* ma ssemmitx mill-konvenut izda tissemma minn Eugenia Kopylova mart il-konvenut. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jghidu li ma kienux assistiti jew li ma kellhomx min jispjegalhom.

Il-konvenuti pero' qed jippretendu li kollox sar ta' malajr - fl-ewwel u l-unika darba li marru l-hanut ta' l-attur noe - u huma ma fehmux l-import ta' dak li kienu qed jaghtu kunsens ghalih. Anzi jghidu li kienu ftehmu ma' Farrugia mod u fil-fatt fil-kuntratt deher mod iehor.

Il-konvenut u martu xehdu li meta gie ffirmat il-kuntratt kienu taht l-impressjoni, fuq dak li assigurahom Farrugia stess, li s-sistema kienet ser tqum Lm4,300 ghax kien

weghdhom *refund* ta’ dazju meta jgibu r-*residence permit*, u li ma kenx ser ikun hemm problema ta’ permessi ghax dawn kien ser jiehu hsiebhom Farrugia stess, u fil-fatt il-konvenuti hallsu ta’ dawn wkoll.

L-attur nomine jirritjeni pero’ li hu ma kienx responsabbili ghax skond l-artikolu 4 tal-kuntratt kien il-kljent li kellu jgib il-*customs duty exemption.* Inoltre skond l-artikolu 4(b) u 12 ta’ l-istess kuntratt “*the supplier, applying for the Planning Authority permit on client’s behalf, shall not bear responsibility for any delay or refusal in the issuing of the said permit*. (fol 5).

Illi huwa veru li fil-kuntratt hemm dawn il-klawzoli izda jirrizulta mill-provi li l-konvenuti, li kellhom diffikolta’ biex jifhmu id-dettalji ta’ dak li kien qed jigi kuntrattat taht traduzzjoni, kellhom assikurazzjoni minn Farrugia li hu kien ser jiehu hsieb kollox, kemm li jiehdu lura r-*refund* ta’ Lm1,700 (dina kienet wahda mir-ragunijiet ghax accettaw li jiehdu s-sistema bi prezz daqshekk gholi) kif ukoll li ma kienx ser ikun hemm problemi dwar permessi.

Fil-fatt irrizulta mill-provi li l-konvenuti ma kienu qatt intitolati ghall *refund*. Interessanti dak li xehed Mark Satariano fejn qal (ara fol 62) li  dwar l-*exemption* ma kienx kompitu tieghu li jkun jaf jew jara jekk l-*exemption* kinitx possibbli jew le ghal residenti barranin.

Inoltre d-*dishes* gew stallati meta ma kienx hemm permessi mill-Planning Authority. Il-konvenuti cahdu li huma kien gieghlu lill Farrugia iwahhal id-*dishes* illegalment, cjoe qabel ma jgib il-permessi. Il-konvenut xehed li sar jaf bil-klawzola 12 meta infethet din il-kawza kontra tieghu. Meta ffirma l-kuntratt Farrugia ma kien semmilu xejn dwar li kienet problema biex jigi stallat *satellite dish* jekk il-permess ma jkunx ghadu hareg. Farrugia ma spejgalux is-sitwazzjoni u l-implikazzjonijiet u qabad u wahhal id-*dishes* minghajr ma kien ottjena l-permess tal-Planning Authority. Il-konvenut ma kienx ser jaghti struzzjonijiet lill Farrugia biex iwahhal id-*dish* avolja minghajr permess billi hu ma kellux intenzjoni li jikser il-ligi stante li hu permanent resident u dan il-fatt illegali kien

wahdu jipperikolalu d-dritt li jibqa' hekk residenti hawn Malta fejn investa hafna flus. Sussegwentement kien irceva ordni mill-Planning Authority biex jaqla' d-*dishes* u gie ffaccjati b*'removal order*.

Kwantu ghal eccezzjoni ta' l-attur noe ghall-kontrotalba tal-konvenuti li sabiex il-konjugi Kopylov setghu jressqu l-ewwel tliet talbiet taghhom fil-kontrotalba huma riedu qabel xejn, skond il-ligi, jghaddu biex jiddepositaw taht l-awtorita' tal-Qorti l-apparat involut, il-Qorti taqbel li fil-fatt hekk generalment ghandu jsir. Izda fil-kaz partikolari kieku l-apparat, mill-aktar sofistikat u tekniku, kellu jinqala minn postu u jigi depozitat post iehor taht l-awtorita' tal-Qorti kienet issir aktar hsara, milli fil-fatt sar meta baqa' f'postu.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-konvenuti kienu gew ingannati billi bhala nies barranin li kellhom diffikolta biex jikkomunikaw gew imwieghda apparat taht certi kondizzjonijiet li wara rrizulta li ma setghux javveraw ruhhom u b'hekk il-kunsens tal-konvenuti gie vizzjat. Kieku l-konvenuti kienu jafu kif kienu l-affarijiet verament huma ma kienux ser jikkuntrattaw ma l-attur noe kif ghamlu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talba attrici
spejjez ghall attur noe
u tilqa' l-kontrotalba tal-konvenuti
tiddikjara u tiddeciedi li l-ftehim tat-2 ta' Settembru 1994 bejn l-attur noe u l-konvenuti Dok A hu null u bla effett minhabba vizzju ta' kunsens da parti tal-konvenuti;
tillibera lill konvenuti mill-osservanza ta' l-obbligi taghhom taht l-istess ftehim u tordna lill attur noe jhallas lura lill konvenuti s-somma ta' tlett elef mija u tletin lira Maltin (Lm3,130) imhallas mill-konvenuti fuq il-firma ta' l-istess kuntratt;
u tordna lill-attur noe li jaqla' u jiehu lura kwalunkwe apparat illi huwa stalla fil-proprejta' tal-konvenuti minghajr

ma jikkaguna l-ebda hsara fl-istess proprejta’ kollox a spejjez ta’ l-istess attur noe.
Spejjez ghall attur noe.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------